Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Lussemburgu, 9 ta' Ottubru 2026**
**(OR. en)**

**14090/26**

**ECOFIN 1271**
**ENV 1188**
**CLIMA 512**
**FIN 1404**
***EIB***
***ECB***

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tal-Konferenza tan-NU tal-2026 dwar it-Tibdil fil-Klima (COP31) (Antalya, 9-20 ta' Novembru 2026)<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Ottubru 2026) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tal-Konferenza tan-NU tal-2026 dwar it-Tibdil fil-Klima (COP31) (Antalya, 9-20 ta' Novembru 2026), approvati mill-Kunsill fl-4199 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Ottubru 2026.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2026**

**dwar il-finanzjament internazzjonali għall-klima**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JINNOTA BI TĦASSIB SERJU s-sejbiet tar-Rapport dwar l-Istat tal-Klima Globali 2025 (l-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija) li l-2024 kienet l-aktar sena sħuna qatt irreġistrata u l-2025 kienet it-tieni l-aktar sħuna; JESPRIMI TĦASSIB dwar ir-riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni li qed jikbru għan-natura, is-soċjetà, l-ekonomija u s-sistema finanzjarja u l-ispejjeż sostanzjali u li qed jiżdiedu assoċjati ma' azzjoni globali insuffiċjenti dwar it-tibdil fil-klima; JISSOTTOLINJA li l-azzjoni klimatika mhijiex biss kwistjoni ta' kostijiet u impatti, iżda tista' tixpruna wkoll opportunitajiet ekonomiċi reali, inkluż ir-reżiljenza ekonomika fit-tul, il-kompetittività, l-innovazzjoni u s-sigurtà tal-enerġija.

2. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi u l-eżiti tiegħu, inkluż l-ewwel Rendikont Globali (1/CMA 5). JENFASIZZA l-urġenza ta' azzjoni klimatika globali msaħħa u l-ħtieġa li l-pajjiżi kollha, b'mod partikolari l-emittenti ewlenin, jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1.5 °C.

3. JINNOTA l-iżviluppi internazzjonali fin-negozjati dwar it-tibdil fil-klima u JILQA' l-progress miksub taħt il-proċess tal-Ftehim ta' Pariġi, u l-eżiti tas-CMA 7 f'Belém, b'mod partikolari d-Djalogu ta' Veredas dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 2.1(c) tal-Ftehim ta' Pariġi biex il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, kif ukoll it-tnedija tal-Programm ta' Ħidma ta' sentejn dwar il-finanzjament għall-klima; JINNOTA l-pubblikazzjoni tal-Pjan Direzzjonali minn Baku għal Belém u JAFFERMA MILL-ĠDID l-appell lill-atturi kollha biex jaħdmu flimkien biex sal-2035 il-finanzjament mis-sorsi pubbliċi u privati kollha għall-azzjoni klimatika lill-Partijiet li huma pajjiżi li qed jiżviluppaw ikun jista' jiżdied għal mill-inqas USD 1.3 triljun fis-sena.

4. ITENNI l-impenn sħiħ tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-azzjoni internazzjonali dwar il-klima, permezz ta' strumenti finanzjarji li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u reżiljenza msaħħa għall-klima, u permezz ta' kontribuzzjonijiet għal azzjoni bilaterali u multilaterali dwar il-klima; JENFASIZZA r-rwol tal-istrateġija Global Gateway u tal-istituzzjonijiet Ewropej ta' finanzjament għall-iżvilupp fl-appoġġ għall-azzjoni klimatika tal-pajjiżi sħab, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u l-iżvilupp sostenibbli.

5. JENFASIZZA li l-finanzjament internazzjonali għall-klima pprovdut u mobilizzat mill-pajjiżi żviluppati laħaq il-USD 132.8 biljun fl-2023 u l-USD 136.7 biljun fl-2024, u qabeż l-għan ta' USD 100 biljun għat-tielet sena konsekuttiva; JISĦAQ li, minkejja l-isfidi fiskali u ġeopolitiċi, l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu l-akbar kontributuri għall-finanzjament internazzjonali għall-klima; u JIEĦU L-IMPENN li jkompli jsaħħaħ is-sinerġiji bejn il-finanzjament għall-klima, il-bijodiversità, it-tnaqqis tat-tniġġis, ir-riżorsi tal-ilma, tal-baħar u tal-oċeani, u l-ġestjoni sostenibbli tal-art.

6. JAFFERMA MILL-ĠDID li, bħala parti minn sforz globali, l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati li jwettqu l-finanzjament internazzjonali għall-klima permezz tal-implimentazzjoni tal-Għan Kollettiv Ġdid Kwantifikat dwar il-Finanzjament għall-Klima (NCQG); JISSOTTOLINJA li l-NCQG għandu l-għan li jimmobilizza l-finanzjament għall-klima lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw minn varjetà wiesgħa ta' sorsi — pubbliċi u privati, bilaterali u multilaterali, inkluż sorsi alternattivi — fil-kuntest ta' azzjoni ambizzjuża u bbilanċjata ta' mitigazzjoni u adattament u trasparenza fl-implimentazzjoni; JIEĦU L-IMPENN li jaħdem mas-sħab kollha lejn l-implimentazzjoni tal-elementi kollha tal-NCQG, inkluż l-għan globali li jiġu mobilizzati mill-inqas USD 300 biljun fis-sena sal-2035; JAPPOĠĠA s-sejħa għal sforzi biex mill-inqas jittrippla l-finanzjament għall-adattament sal-2035; JISĦAQ li t-twessigħ tal-bażi tal-kontributuri huwa neċessità biex jintlaħaq l-NCQG; u JĦEĠĠEĠ lill-pajjiżi kollha bil-kapaċità finanzjarja li jagħmlu dan biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jilħqu l-għan u l-miri tal-NCQG li l-Partijiet kollha qablu dwarhom fis-CMA6 f'Baku.

7. JENFASIZZA l-urġenza ta' azzjoni msaħħa mill-pajjiżi kollha biex il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Artikolu 2.1(c) tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jirrikonoxxi li dan huwa imperattiv kemm mil-lat internazzjonali kif ukoll dak domestiku; JAPPELLA għal progress kontinwu dwar l-Artikolu 2.1(c) internazzjonalment u fl-UE, fost l-oħrajn billi titkompla l-implimentazzjoni u permezz tal-iżvilupp ulterjuri ta' oqfsa ta' finanzjament sostenibbli; IFAKKAR fir-rwol tal-ipprezzar tal-karbonju fl-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili u fl-importanza tal-eliminazzjoni gradwali tal-appoġġ relatat mal-fjuwils fossili, inkluż sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili, li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew tranżizzjonijiet ġusti, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti u d-derogi legali eżistenti; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' perkorsi ta' tranżizzjoni kredibbli u l-integrità tal-oqfsa ta' finanzjament sostenibbli; u JIRRIKONOXXI li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ approċċ ibbilanċjat, li jqis is-sigurtà, l-affordabbiltà, il-kosteffiċjenza u r-reżiljenza tal-enerġija.

8. JENFASIZZA li l-issodisfar tal-iskala tal-investimenti meħtieġa għall-Ftehim ta' Pariġi jiddependi wkoll b'mod sostanzjali fuq iż-żieda fl-investiment privat u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament domestiku għall-klima; JISĦAQ li l-pajjiżi kollha jenħtieġ itejbu l-ambjenti abilitanti għall-investimenti privati sostenibbli u jintegraw il-kunsiderazzjonijiet klimatiċi fil-politiki u l-istrumenti makroekonomiċi, fiskali u finanzjarji, bħall-ipprezzar tal-karbonju, l-ibbaġitjar ekoloġiku, l-oqfsa ta' finanzjament sostenibbli, id-divulgazzjonijiet finanzjarji komparabbli u affidabbli relatati mal-klima u l-ippjanar tal-investiment pubbliku; JIRRIKONOXXI li l-finanzjament għall-attivitajiet tal-fjuwils fossili jibqa' ostaklu kbir biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi; IĦEĠĠEĠ lill-atturi kollha jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn l-ilħuq ta' dawk l-objettivi; u JENFASIZZA li l-finanzi pubbliċi, inkluż il-finanzjament konċessjonali u l-appoġġ għall-kreditu għall-esportazzjoni, jaqdu rwol katalitiku fl-iżblukkar tal-flussi ta' finanzjament privat għat-tranżizzjoni.

9. JISSOTTOLINJA r-rwol ewlieni tal-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) fl-indirizzar tar-riskji relatati mal-klima u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima, inkluż il-finanzjament għall-adattament, mis-sorsi kollha; JIRRIKONOXXI r-rwol tal-fondi multilaterali għall-klima fl-arkitettura internazzjonali tal-finanzjament għall-klima u JAPPELLA għal aktar titjib fl-effiċjenza tagħhom; JAPPELLA biex jitkomplew ir-riformi tal-MDBs biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi globali, inkluż billi titmexxa 'l quddiem l-azzjoni klimatika globali, tissaħħaħ il-koordinazzjoni u jiġi segwit allinjament aktar b'saħħtu tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tal-MDBs u klassifikazzjonijiet tal-kreditu robusti; IFAKKAR fid-dikjarazzjoni konġunta tal-MDBs fil-COP29 bl-impenn għal azzjoni klimatika ambizzjuża u li żżid il-finanzjament għall-klima, u JESPRIMU TĦASSIB dwar tnaqqis potenzjali fir-ritmu tat-twettiq ta' dawn l-impenji klimatiċi; JIKKONFERMA l-impenn tal-azzjonisti tal-MDBs tal-UE li jżommu l-ambizzjoni u l-momentum dwar l-allinjament mal-Ftehim ta' Pariġi, u l-mobilizzazzjoni privata tal-finanzjament għall-klima; u JINKORAĠĠIXXI lill-MDBs biex ikomplu jsaħħu l-istrumenti li jimmobilizzaw u jneħħu r-riskju tal-investimenti tas-settur privat f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

10. JIRRIKONOXXI li l-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima, inkluż finanzjament konċessjonali ħafna, jibqa' essenzjali għall-pajjiżi u l-komunitajiet l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS); JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-klima, inkluż billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' aċċess u jitnaqqsu l-ostakli amministrattivi, u li jiżdied il-finanzjament għall-adattament mis-sorsi kollha, b'mod partikolari għal-LDCs u l-SIDS, inkluż permezz ta' approċċi mmexxija lokalment u l-involviment tal-livelli kollha tal-gvern, sistemi ta' twissija bikrija, mekkaniżmi innovattivi ta' assigurazzjoni, kollaborazzjoni pubblika-privata u investimenti għall-bini tar-reżiljenza fil-livell lokali, nazzjonali u internazzjonali; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-finanzjament tar-riskju ta' diżastri, l-azzjoni antiċipatorja u s-sistemi ta' twissija bikrija biex jitnaqqsu l-lakuni fil-protezzjoni u tissaħħaħ ir-reżiljenza fiskali u finanzjarja kontra perikli aktar frekwenti u aktar intensi relatati mal-klima; JISSOLINJA l-ħtieġa ta' koerenza bejn il-klima, il-bijodiversità, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-finanzjament għall-iżvilupp u l-komplementarjetà bejn il-mekkaniżmi ta' finanzjament fil-livell tal-pajjiż; u JILQA' l-progress fl-operazzjonalizzazzjoni tal-Fond għal Rispons għat-Telf u Ħsara, inkluż il-limitu minimu ta' allokazzjoni għas-SIDS u l-LDCs.

11. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jissaħħu r-riżultati, l-effiċjenza u l-effettività tal-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima billi jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, jiġi ingranat aħjar il-finanzjament privat u tintuża varjetà wiesgħa ta' strumenti fejn jagħmlu l-akbar impatt fil-livell tal-pajjiż; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-arkitettura finanzjarja internazzjonali u l-importanza ta' kollaborazzjoni msaħħa u interoperabbiltà mtejba bejn il-fondi multilaterali għall-klima, l-MDBs, il-banek nazzjonali tal-iżvilupp, l-istituzzjonijiet ta' finanzjament għall-iżvilupp u s-settur privat, inkluż permezz ta' pjattaformi tal-gvern kollu u dawk inklużivi tal-pajjiż kif ukoll permezz ta' pjattaformi kollaborattivi bħall-Koalizzjoni tal-Ministri tal-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika; u JINKORAĠĠIXXI l-esplorazzjoni u l-iżvilupp attivi ta' sorsi innovattivi ta' finanzjament u ta' strumenti, inkluż is-swieq tal-karbonju, it-tpartit tad-dejn għall-klima, il-garanziji ekoloġiċi, il-bonds ekoloġiċi u strumenti finanzjarji sostenibbli oħra, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, jiġu żgurati t-trasparenza u l-effettività ambjentali u jiġu evitati impatti sproporzjonati fuq l-ekonomiji vulnerabbli.

12. JENFASIZZA l-importanza tal-koerenza tal-politiki, filwaqt li jiġi żgurat li l-politiki makroekonomiċi, fiskali, kummerċjali, ta' investiment u ta' żvilupp, kif ukoll il-politiki relatati mal-bijodiversità, l-użu sostenibbli tal-art, ir-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, u s-sistemi tal-ikel, jappoġġaw u jkunu konsistenti mal-objettivi klimatiċi u l-perkorsi reżiljenti u b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra; u JISTENNA B'INTERESS il-31 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP31) bħala opportunità biex isir progress fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet globali dwar il-finanzjament internazzjonali għall-klima, inkluż il-progress skont l-Artikolu 2.1(c) tal-Ftehim ta' Pariġi u d-Djalogu ta' Veredas, filwaqt li tinżamm enfasi fuq it-twettiq tal-impenji eżistenti u l-preservazzjoni tal-integrità tal-eżiti maqbula preċedentement.

13. JITLOB lill-Kummissjoni Ewropea tipprovdi ħarsa ġenerali tal-flussi finanzjarji internazzjonali għall-klima mill-UE għas-sena 2025, inkluż mill-Istati Membri tagħha u l-Bank Ewropew tal-Investiment, għall-approvazzjoni mill-Kunsill qabel il-COP31.